MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 1533/2005

**C.P.L. Developments Limited**

**vs**

**Anne Marie Scicluna**

It-Tribunal

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta attrici tablet hlas tas-somma ta' erbgha mija u sitta u erbghin lira Maltija (Lm446) rapprezentanti hlas ghad-danni sofferti bhala rizultat ta'l-agir abbuziv u illegali tal-konvenuta meta arbitrarjment nehhiet minn posthom u kissret tabelli propjeta tas-socjeta attrici, b'l-imghaxx u l-ispejjez inkluz dawk ta'l-ittra interpellartorja.

Ra r-risposta tal-konvenuta li permezz taghha qalet li m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta attrici u mhiex responsabbli ghall-ebda danni sofferti mis-socjeta

attrici, u li l-atturi ghandhom igibu prova tad-dritt li jwahhlu t-tabelli u tad-danni li soffrew.

Ra x-xhieda ta’ Stephen Sammut Tagliaferro, Anne Marie Scicluna, May Leone Ganado, David Aquilina, Joseph Busuttil, u PS1492 Joseph Pace.

Ra d-diversi dokumenti esebieti.

Sema t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet

Ikkunsidra

Jirrizulta mill-atti li s-socjeta attrici kienet ilha zmien twil tutilizza hajt, Gidra Wall, ta’ block ta’ appartamenti Nina Margaret Flats f’Triq il-Qaliet off St George’s Road, biex taghmel riklami. Ghal dan il-ghan is-socjeta kienet wahhlet tabelli ma dan il-hajt li kienu jinbidlu (flimkien mat-tubi li kienu jipprovdu dawl) minn zmien ghal zmien.

F’xi zmien il-konvenuta cemplet lis-socjeta attrici ghax pretendiet li din is-socjeta ma kellhiex titolu fuq il-hajt in kwistjoni; hija pretendiet ukoll li s-socjeta attrici kellha taqla dawn it-tabelli, dan peress li hija kienet akkwistat appartament fil-blokk li minnha il-hajt in kwistjoni jifforma parti.

Jirrizulta li fuq il-hajt in kwistjon kien hemm tabelli ohra imwahhlin, tabelli propjeta ta’ terzi. Il-konvenuta kienet ikkomunikat ma dawn it-terzi wkoll u anke maghhom pretendiet li t-tabelli kellhom jinqalaw.

Darba f’ Mejju 2005 rapprezentant tas-socjeta attrici kien ghaddej mit-triq fejn hemm dawn it-tabelli u ra li kienu maqlughin u mitfugha ma’l-art. Hu mar jaghmel rapport lill-pulizija. Fil-kors ta’ l-investigazzjonijiet taghha il-pulizija kellmet lill-konvenuta, u kif jirrizulta mir-rapport Dok JP1 a fol 53, ammettiet li hija kienet inkarigat lil terzi biex jaqalaw it-tabelli. Ittiehdu proceduri kriminali kontra l-konvenuta pero hija giet liberata.

It-Tribunal ihoss li ghandu jirrileva mill-ewwel li l-ezietu tal-proceduri kriminali huwa rrilevanti ghal kaz in ezami ghaliex id-decizjoni tieghu ghandha tigi bazata fuq il-provi fattwali prodotti quddiemu. In oltre fil-proceduri civli l-oneru ta’ prova huwa wiehed fuq bazi ta’ probabilita, cioe oneru differenti minn dak rikjest fil-kamp kriminali fejn kaz irid jigi pruvat ’l hemm minn kull dubbju ragonevoli.

Mill-atti processwali jirrizulta sufficjentment pruvat li t-tabelli kienu propjeta tas-socjeta attrici u li nqalaw mill-konvenuta (jew fuq struzzjonijet taghha), u dan peress li hija pretendiet li ghandha dritt fuq il-hajt li s-socjeta attrici kienet ilha snin tutilizza. Konsegwentment hija, il-konvenuta, ghandha taghmel tajjeb ghad-danni sofferti mis-socjeta attrici bhala rizultat ta’ l-agir taghha.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas s-somma ta’ erbgha mija u sitta u erbghin lira Maltija (Lm446) b’l-imghaxx legali mid-data tas-sentenza u b’l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------